MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 280/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Borg talli fil-15 ta’ Settembru, 2002 u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil martu Mariella Borg u lil bintu minuri Naomi Borg is-somma ta’ tmenin lira (Lm80) meta hekk ordnat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili b’digriet numru 1686/2001 mill-Onor. Imhallef Joseph David Camilleri B.A., LL.D.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Noel Borg hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Noel Borg, minnu ppresentat fit-18 ta' Novembru, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2003; ikkunsidrat:

Il-fatti relevanti ghal dana l-appell huma, brevement, is-segwenti: b'digriet 1686/2001 tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Novembru, 2001 (wara rikors presentat fit-2 ta' Lulju, 2001 fl-ismijiet ***Noel Emanuel k/a Noel Borg v. Mariella Borg Farrugia*** li permezz tieghu ir-rikorrent Noel Borg kien talab, *inter alia*, li jigi awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali) l-appellant (u allura r-rikorrent f'dawk il-proceduri quddiem is-Sekond Awla) Noel Borg gie kkundannat ihallas lil martu *pendente lite* u bhala manteniment is-somma ta' tmenin (Lm80) fix-xahar – kwantu ghal erbghin lira bhala manteniment ghall-istess martu u erbghin lira ohra bhala manteniment ghall-minuri Naomi. Mill-atti jirrisulta li sal-14 ta' Marzu, 2002 Noel Borg kien ghadu ma ppresentatx ic-citazzjoni relattiva quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, tant li b'rikors ta' l-istess data – cioe` 14 ta' Marzu, 2002 – ippresentat minn Mariella Borg fis-Sekond Awla, din talbet li d-digriet aktar 'l fuq imsemmi[1] jigi prorogat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, b'digriet datat 18 ta' Marzu, 2002 ipprorogat id-digriet (jew digrieti – ara n-nota in calce) ghal xaharejn ohra minn dik id-data (tat-18/3/02) u, fi kliem l-istess digriet *"…b'intendiment car li din ser tkun l-ahhar proroga ghall-fini u effetti tal-Art. 480(4) tal-Kap. 12"*. Fid-19 ta' Settembru, 2002 Mariella Borg, permezz ta' rikors iehor, ittantat tipproroga ghal darb'ohra mhux id-digriet 1686/2001 imma d-digriet 1683/2001. Is-Sekond Awla, b'digriet tal-4 ta' Novembru, 2002, cahdet din it-talba ghax irriteniet li d-digriet tat-18 ta' Marzu, 2002 kien car fis-sens li dik (tat-18/3/02) kienet ser tkun l-ahhar

[1] Fil-fatt f'dana r-rikors jissemmew zewg digrieti – dak bin-numru 1686/01 li huwa d-digriet tal-15 ta' Novembru, 2001 aktar 'l fuq imsemmi, kif ukoll id-digriet 1683/01 li jidher li kien digriet li nghata kontestwalment mad-digriet 1686/01 u possibilment fuq rikors fl-ismijiet inversi, pero` li kopja tieghu ma giet presentata la mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza.

proroga. Mill-provi, u senjatament id-deposizzjoni ta' Mariella Borg, jirrizulta car li fil-periodu inkriminat l-appellant naqas milli jhallas il-manteniment ta' tmenin lira fix-xahar.

L-appellant jikkontendi bazikament li wara x-xaharejn proroga degretati fit-18 ta' Marzu, 2002 l-ordni ghall-hlas tal-manteniment kien skada u li ghalhekk hu ma kien obbligat li jhallas xejn. Huwa jinvoka in sostenn ta' dana l-argument tieghu l-Artikolu 480(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Jikkontendi li f'dana l-kaz partikolari huwa aktar ovvju li dana l-ordni jew digriet (tal-15 ta' Novembru, 2001) kien skada peress li s-Sekond Awla kienet ghamlitha car li l-proroga koncessa fit-18 ta' Marzu, 2002 kienet l-ahhar proroga li kienet ser tikkoncedi.

Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma' l-appellant. Il-punt ta' dritt sollevat mill-appellant u punti ohra intimament konnessi mieghu gew aktar minn darba decizi minn din il-Qorti (kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata). Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza ta' l-10 ta' Marzu, 1995 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lawrence Cilia***,

**Is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, fid-digriet taghha li bih tawtorizza lil xi parti biex tipprocedi ghall-firda personali quddiem il-Prim Awla, jew f'rikors sussegwenti pero` qabel ma jinbdew il-proceduri fil-kontenzjuz, tista' wkoll taghmel ordni bhal dak in kwistjoni[2] u dan l-ordni jkun validu kemm ghal matul il-proceduri quddiem is-Sekond Awla kif ukoll ghal matul il-proceduri quddiem il-Prim Awla – Art. 470(1), Kap. 12 – dejjem, naturalment, sakemm dana l-ordni ma jigix revokat jew altrimenti mibdul minn wahda minn dawn il-qrati skond ma jkun il-kaz.**

**L-Artikolu 553 tal-Kap. 12, li jipprefiggi terminu ta' sitt xhur – qabel l-1983 kien ta' xaharejn – ghall-validita` ta' digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess tas-Sekond**

---

[2] Jigifieri ordni ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite*.

**Awla, japplika biss ghall-kazijiet ta' awtorizzazzjoni jew permess ghal xi konvenzjoni jew rinunzja, u mhux ukoll ghal digrieti sabiex wiehed jipprocedi fil-kontenzjuz ghas-separazzjoni personali. F'dan is-sens hi konkordi wkoll il-gurisprudenza (ara *Vella v. Vella,* Prim Awla, 22/1/12 Kollez. Vol. XXI.ii.409; *Vella v. Vella*, Prim Awla, 27/4/50 Kollez. Vol. XXXIV.ii.553). F'digriet bhal dan jista' jkun hemm, kif ga inghad, ordni ghall-hlas ta' manteniment kif ukoll ordni ghall-kura u ghall-kustodja tat-tfal u ghall-access ghalihom ghal dik il-parti li ma tkunx hekk fdata bil-kura u l-kustodja. Isegwi, ghalhekk, li l-fatt li jkunu ddekorrew is-sitt xhur ma jfissirx li dan id-digriet u dawk l-ordnijiet awtomatikament jiskadu. Salv l-effetti ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, dawk l-ordnijiet jibqghu validi sakemm ma jigux espressament revokati jew altrimenti mibdula mill-istess Sekond Awla jew mill-Prim Awla[3].**

**It-terminu ta' xaharejn, li ghalih saret referenza mill-abbili difensur ta' l-appellant, m'ghandux x'jaqsam mal-validita` tad-digriet jew ta' l-ordni ghall-hlas tal-manteniment. Dan it-terminu, li johrog mill-Artikolu 480(4) tal-Kap. 12, jirreferi ghall-esegwibbilita` ta' dak id-digriet bil-mezz ta' xi att esekuttiv imsemmi fl-Artikolu 273 tal-Kap. 12. Il-fatt li d-digriet ma jibqax hekk esegwibbli bil-mezz ta' xi wiehed minn dawn l-atti ma jfissirx li dak id-digriet u l-ordni ghall-hlas tal-manteniment fih kontenut ikun skada ghall-finijiet tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali.**

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mario Mallia***. Din il-Qorti ma tara xejn fir-rikors ta' appell odjern, jew fil-provi, li b'xi mod jistghu jwassluha li tiddipartixxi minn dana l-insenjament kostanti. Il-proroga degretata fit-18 ta' Marzu, 2002 kienet limitata proprju ghall-finijiet u effetti ta' l-imsemmi Artikolu 480(4) tal-Kap. 12, u ghalhekk certament mhux ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9; filwaqt li d-digriet ta' dik l-istess Qorti ta' l-4 ta'

[3] Jew sakemm id-digriet ma jigix dikjarat null minn Qorti kompetenti – ara ***Il-Pulizija v. Emanuel Bugeja*** App. Krim. 1/11/2002.

Novembru, 2002 kjarament hu marbut, ghal dak li jirrigwarda c-cahda tal-proroga, ma' l-istess Artikolu 480(4).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------